# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar L-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 11**

**Rikors numru 455/08/1 SM**

**Alexis Sciberras**

**v.**

**Direttur tal-Kuntratti, Direttur Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani, Welfare Committee fi ħdan id-Dipartiment tal-Anzjani, l-Avukat Ġenerali u b'digriet datat is-17 ta' Novembru, 2009 ġie kjamat in kawża l-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubbliċi**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li l-attriċi ressqet fil-5 ta' Mejju, 2008, u li jaqra hekk:

> "1. Illi l-esponent applikat u rebħet it-tender numru CT359/2005 li jġib l-isem "Tender for the supply of incontinence bedpads, incontinence pads and disposal adult nappies to the Welfare Committee' (Case No

119) u dan kif jirriżulta mill-anness document Dok A li huwa l-avviż li joħroġ il-konvenut Direttur tal-Kuntratti fin-notice board tad-Dipartiment tiegħu.

2. Illi dan huwa tender magħruf bħala 3-tier tender għax ikollu fih tlett pakketti u ċioe` envelope market “Bid Bond”; envelope markat “documentation” u envelope markat “Priced Bill of Quantities” liema document tat-tender qed jiġi anness u markat Dok B.

3. Illi għalhekk din hija proċedura skond ir-regolament numru 82 tal-Avviż Legali 177 tas-sena 2005 kif sussegwentement emendat li l-ewwel jinfetħu l-envelope tal-bid bond u l-envelope tad-documentation biss.

4. Illi wara li nfetħu ż-żewġ envelopes, fil-25 ta’ April 2007 id-Direttur tal-Kuntratti ppubblika dan fin-notice board tad-dipartiment li jgħid li jekk ma jkunx hemm appell sat-2 ta’ Mejju 2007, minn tali deċiżjoni skond ir-regolament numru 82 ta’ tali avviż legali huwa kien ser jgħaddi biex jiftaħ it-tielet envelope u ċioe` dak dwar ‘priced bill of quantities’ fil-ġurnata tat-3 ta’ Mejju 2007, (Dok. C).

5. Illi l-istess Direttur tal-Kuntratti informa lill-attriċi li t-tender tagħha ġie meqjus li huwa konformi mat-tender specifications u li sakemm ma jkunx hemm appell it-tielet envelope ser jinfetaħ fit-3 ta’ Mejju 2007 (kopja tal-istess Dok D).

6. Illi r-regolament 82(4) tal-Avviż legali 177 tas-sena 2005 kif sussegwentement emendati, jgħid ċar u tond li f’każ ta’ offerti magħmulin f’pakketti separati (bħal ma hu l-każ odjern) “ilment isir mill-offerent milqut u minn kull persuna li għandha jew kellha interess li tikseb kuntratt pubbliku partikolari għandu jasal fid-dipartiment tal-kuntratti jew għand l-awtorita` kontraenti involuta skond ma jkun il-każ fi żmien **erbat ijiem minn meta jingħata avviż tad-deċiżjoni**…

7. Illi minkejja li kull tenderer ikun jaf bid-dokumenti esebiti fl-ewwel żewġ envelopes għaliex tali rapport ikun publikat fin-notice board tad-Dipartiment tal-Kuntratt, effettivament ħadd minnhom ma appella mid-deċiżjoni tad-Dipartiment u għalhekk id-Dirattur tal-Kuntratti għadda għat-tielet stadju tad-tender u ċioe` jiftaħ it-tielet envelope dwar il-financial proporals fil-ġurnata u ħin indikat lilhom f’Dok C;

8. Illi 20 ta’ Ġunju 2007 l-attriċi rebħet it-tender skond l-anness Dok A.

9. Illi sussegwentement sar appell minn terzi liema appell ġie deċiż fis-7 ta’ Marzu 2008 (Dok E).

10. Illi waqt is-smiegħ tal-appell li sar quddiem il-Bord tal-Appelli tal-Kuntratti tali terzi ssollevaw li r-rikorrenti kienet naqset milli tipproduċi

'technical literature' u għalhekk hija kellha tiġi skwalifikata (fol. 8 et tad-deċiżjoni tal-Bord hawn annessa u markata Dok E);

11. Illi r-rikorrenti argumentat li tali aggravju kellu jingħata mill-appellat fl-istadju ta' qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni finali kif jesiġi skrupolożament ir-regolament 82(4) tal-Avviż Legali 177 tas-sena 2005 tant li għamlet tali sottomissjonijiet bil-miktub kif jirriżulta mill-anness Dok F;

12. Illi minkejja li l-appellant kien ammetta quddiem il-Bord (fol. 8 tad-deċiżjoni tal-Bord Dok. E) li tali informazzjoni tiġi publikata u kien jaf biha u kien konxju li r-rikorrenti "He said that according to the "Schedule of Tenders Received" that was published on the Notice Board at the Department of Contracts, Mrs Sciberras was the only tenderer who did not submit the "Technical Literature'.

13. Ill anke l-istess Chairman tal-Evaluation Committee, ċertu Gino Pavia xehed u kif jirriżulta a fol-9 tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli (Dok E) dwar il-kuntratti li r-rikorrenti ma kellhiex tiġi skwalifikata fl-ewwel stadju stante li "**it was of the opinion that it had sufficient information under the Technical Specifications**". korrettement id-Direttur tal-Kuntratti għaddha biex fetaħ l-aħħar envelope sabiex saret l-aġġudikazzjoni finali u r-rikorrenti rebħet tali tender.

14. Illi minkejja li ebda appell ma kien sar fit-terminu preskritt mir-Regolament numru 82(4) tal-Avviż Legali 177 tas-sena 2005 il-Bord tal-Appelli tal-Kuntratti Pubbliċi, xorta waħda fid-deċiżjoni tiegħu tas-7 ta' Marzu 2008 iddeċieda billi laqgħa l-argument tal-appellant u sostna kif ġej:

> "find in favor of appellants with regards to the objection (Case No 119) considering that the Adjudicating committee should have insisted on the submission of the 'technical literature' once this was a specific requirement, a 'sine qua non' condition" (fol. 12 tal-istess deċiżjoni Dok E).

15. Illi sussegwentement il-konvenuti jew min minnhom infurmaw lir-rikorrenti li t-tender kien ser jingħata lil terzi u mhux lilha minħabba tali deċiżjoni.

16. Illi tali deċiżjoni hija bi ksur lampanti tar-82(4) tal-Avviż Legali 177 tas-sena 2005 u għalhekk il-konvenut Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubbliċi kien skorrett legalment meta ċaħad l-argumenti tar-rikorrenti u għaddha biex laqgħa l-appell proprjament fuq aggravju li setgħa jitqajjem biss meta ġew publikati l-ewwel żewġ envelopes tat-tender;

17. Illi fil-15 ta' April 2008 (mandat ta' inibizzjoni numru 408/08GC), din il-Qorti laqgħet it-talba tagħha għal mandat ta' inibizzjoni sabiex il-konvenuti bl-ebda mod ma jassenjaw u/jew jagħtu dan it-tender jew parti minnu lil terzi.

18. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Jgħidu l-konvenuti jew min minnhom għaliex din il-Qorti m'għandhiex tiddikjara u tiddeċiedi li:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi għar-raġunijiet fuq esposti u għall-motivi li joħorġu mil-Liġi, id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli tal-Kuntratti Pubbliċi u ċioe` tal-Public Contracts Appeals Board tas-7 ta' Marzu 2008 limitatament għal dak li jirrigwarda CT359/2005 li jġib l-isem "Tender for the supply of incontinence bedpads, incontinence pads and disposal adult nappies to the Welfare Committee' (Case No 119) hija nulla u bla effett stante li tmur kontra d-disposiżżjonijiet tar-Regolament dwar il-Kuntratti Pubbliċi maħruġa fl-Avviż Legali 177 tas-sena 2005 kif sussegwentement emendati;

2. Illi sussegwentement iżżomm lill-intimati jew min minnhom milli bi kwalunkwe mod jassenjaw u/jew jagħtu t-tender li jġib in-numru CT359/2005 li jġib l-isem ta' "Tender for the supply of incontinence bedpads, incontinence pads and disposal adult nappies to the Welfare Committee' jew parti minnu lil terzi;

3. Tawtorizza u tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jipproċedu bl-għoti tal-istess tender lir-rikorrenti.

4. Tiddikjara u tiddeċiedi għar-raġunijiet fuq esposti u għal motivi li joħorġu mil-Liġi, il-konvenuti jew min minnhom irrendew rwiehom responsabbli għad-danni versu l-attriċi;

5. Tillikwida l-istess danni hekk kawżati;

6. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom solidalment sabiex iħallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti in subizzjoni inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni nurmu 408/08 G u b'riżerva ta' kull azzjoni fil-Liġi".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti kollha li in forza tagħha eċċepew:

"1. Preliminarjament, illi l-Avukat Ġenerali kif ukoll id-Direttur Dipartiment għall-kura ta' l-Anzjani u l-Welfare Committee fi ħdan id-Dipartiment ta' l-Anzjani ma humiex il-leġittimi kontradditturi għall-azzjoni a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u għandhom jiġu liberati mit-talbiet;

2. Preliminarjament ukoll, l-inamissibilita` tat-talba rikorrenti stante illi t-talba tar-rikorrenti hija waħda vaga u mhux identifikat x'inhu d-dritt illi fuqu hija bażata l-azzjoni.

3. Preliminarjament ukoll, l-inproponibilita` tat-talba tar-rikorrenti stante illi ai termini tar-Regolament 83(19) ta' l-Avviż Legali 177 tal-2005 għalkemm '*Any bidder submitting a complaint and who shall not be satisfied with the final decision taken by the Appeals Board shall refer the matter to the First Hall of the Civil Court. Such recourse shall not however delay the Director of Contracts or the Head of a contracting authority from implementing the Appels Board's final decision*'. Dan irid jiġi interpretat fis-sens illi dan ir-rimedju huwa miftuħ għal dak l-offerent illi jkun għamel appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubbliċi liema appell ma jkunx ġie akkolt illi għandu dritt jipproċedi quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

4. Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, peress illi din il-kawża hija diretta sabiex tanulla deċiżjoni ta' award ta' tender, għandha tiġi kkjamata fil-kawża s-soċjeta` illi ngħatat it-tender peress illi jekk tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti l-pożizzjoni tal-istess soċjeta` ser tintlaqat avversament;

5. Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti stante illi l-esponenti Direttur tal-Kuntratti huwa distint u separat mill-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubbliċi. Għaldaqstant kwalunkwe allegazzjonijiet ta' nuqqas kommessi minn dan il-Bord għandhom jiġu ndirizzati lill-istess Bord u mhux lill-esponenti;

6. Illi mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qegħdin jeċepixxu, illi r-rikorrenti qiegħdha tagħmel konfużjoni fit-talba tagħha illi filwaqt illi donnha trid tlibbes dina l-azzjoni bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju qiegħdha fl-istess ħin tibbaża l-azzjoni tagħha fuq allegat ksur tar-Regolament 82 (4) tar-Regolament dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 ta' l-2005) u dan peress illi skond l-istess rikorrenti l-appell tas-soċjeta` appellanti kellu jiġi intavolat fi żmien erbat ijiem tax-xogħol. L-esponenti jeċepixxu illi dritt ta' appell taħt ir-Regolament 83 tal-Parti XIII ta' l-Avviż Legali 177 ta' l-2005 huwa miftuħ għall-offerent illi t-tender tiegħu jkun wasal fl-istadju finali ta' l-award tat-tender bħal fil-każ odjern f'liema każ it-terminu sabiex jiġi intavolat appell huwa ta' għaxart ijiem kalendarji;

7. Illi l-esponenti qegħdin jeċepixxu wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost illi l-premessi tal-azzjoni in kwantu diretti għall-kisba ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilta` għad-danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi ma hemm l-ebda ness ta' kawżalita` bejn l-aġir ta' l-esponenti u d-danni pretiżi mir-rikorrenti;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ai termini tas-subinċiż (5) tal-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,

annullament ta' att amministrattiv kommess minn awtorita` pubblika ma twassalx għal għoti ta' danni sakemm ma jiġix ippruvat illi l-awtorita` pubblika aġiet in mala fede, b'mod irraġonevoli jew meta l-azzjoni mitlub mir-rikorrenti setgħet legalment u raġjonevolment tiġi miċħuda taħt kull setgħa oħra. Għaldaqstant ir-raba', il-ħames u sitt talba tar-rikorrenti għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni għandhom jiġu miċħuda;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri";

3. Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-Welfare Committee fi ħdan id-Dipartiment tal-Anzjani li in forza tagħha eċċepiet:

"1. Illi jiġi rilevat qabel xejn illi l-esponenti Welfare Committee ma hux il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi l-Welfare Committee ma għandu ebda kontroll fil-proċedura tal-għoti tat-tender iżda huwa d-Direttur tal-Kuntratti illi jagħti jew jassenja tender kif fuq kollox jirriżulta mill-istes premessi tal-kawża odjerna.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ġaladarba ma kien hemm l-ebda deċiżjoni għajr l-aġġudikazzjoni finali u l-appell minnha, il-proċeduri ċitati fir-rikors ġuramentat ma setgħu qatt japplikaw fis-sens illi dawn huma applikabbli biss f'każ ta' deċiżjoni li twassal għal twarrib ta' offerta – deċiżjoni li ma kienx hemm.

3. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kawża odjerna hija bbażata fuq allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti Alexis Sciberras fejn qed tgħid illi l-Bord tal-Appell injora r-regolamenti stabbiliti dwar Kuntratti Pubbliċi peress illi ntlaqa' appell li skond hi mhux suppost sar – iżda fir-realta` jirriżulta illi l-istess rikorrenti ipparteċipat bi sħiħ fl-istess smiegħ tal-appell li issa qed tallega li messu qatt ma sar u waqt l-istess smiegħ ma ressqet l-ebda riserva dar dan.

4. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet rigwardanti likwidazzjoni u ħlas ta' danni in kwantu diretti kontra l-Welfare Committee esponenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti ma hu bl-ebda mod responsabbli għal dawn l-allegati danni.

5. Illi fuq kollox u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti Welfare Committee ma għandu jbati l-ebda spejjeż stante illi ma kien hemm l-ebda allegazzjoni ta' nuqqas da parti ta' l-istess Welfare Committee.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra".

4. Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Ottubru, 2017, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens li ġej:

> "27.1. Tirrespinġi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;
>
> 27.2. Takkolji r-risposti preliminari tal-intimati kkonċernati fuq riferiti u għalhekk tiddikjara li mhumiex il-leġittimi kontradditturi għat-talbiet tar-rikorrenti;
>
> 27.3. Tillibera għalhekk lill-intimati Direttur Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani; *"Welfare Committee"* fi ħdan id-Dipartiment tal-Anzjani; u l-Avukat Ġenerali, mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> 27.4. Takkolji t-talbiet l-oħra tal-intimat Direttur tal-Kuntratti;
>
> 27.5. Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra r-rikorrenti".

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "14.0. Illi l-fatti li taw lok għall-proċedura odjerna skont ir-rikorrenti jistgħu jiġu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:
>
> 14.1. Illi din il-proċedura hi dipendenti fuq sejħa partikolari għall-offerti indikata bħala ***"Advert Notice 359/2005***," (ara paragrafu numru wieħed put wieħed, (1.1.), aktar qabel u foll 1), u ***CT 2575/2005***, (ara foll 9), u ***"Welfare Committee 09/2005"***, (ara foll 38 sa 41), għall-ħrieqi partikolari u assorbenti iġeniċi intiżi għall-adulti, datata t-30 ta' Diċembru, 2005, (ara foll 241);
>
> 14.2. Illi l-proċess fir-rigward kien allura regolat mill-Avviż Legali Numru 177 tal-2005 kif sussegwentement emendat, (ara foll 241);
>
> 14.3. Illi r-rikorrenti tirriżulta li kienet waħda minn sitt (6) parteċipanti fl-istess konkors, (ara foll 243);
>
> 14.4. Illi l-offerta in diżamina tirriżulta li kienet regolata bil-proċess magħruf bħala ***"tat-tliet (3) pakketti"*** skont ir-regolament 82 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04, (ara foll 241 u 242, u sussegwentement foll 14 sa 16);

14.5. Illi t-*"tender"* in diżamina oriġinarjament ingħata lir-rikorrenti, (ara foll 7);

14.6. Illi sussegwentement, wara appell intavolat quddiem dak li llum hu msejjaħ il-Bord ta' Reviżjoni tal-Kuntratti Pubbliċi mis-soċjeta` *Protex Limited*, (ara foll 98), l-istess Bord, b'deċiżjoni tas-7 ta' Marzu, 2008, iddeċieda li għar-raġuni li r-rikorrenti odjerna ma kienitx ippreżentat il-letteratura teknika neċessarja rigward il-prodott in diżamina kif kienet marbuta tagħmel skont il-kondizzjonijiet tas-sejħa, l-istess rikorrenti odjerna kellha tiġi skwalifikata, (ara foll 38 u 52);

14.7. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti ssosstni li l-appell in diżamina ma kienx wieħed regolari *stante* li dan ma sarx fi żmien erbgħat (4) ijiem kif espressament stipulat fir-regolament 82(4) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi applikabbli dak iż-żmien, (ara foll 99);

14.8. Illi konsegwentement titlob li l-istess deċiżjoni tal-Bord *de quo* għandha tiġi dikjarata nulla u mingħajr effett, u li l-istess *"tender"* jerġa jingħata lilha, (ara foll 4);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi skont l-intimati, l-fatti jistgħu jiġu elenkati bil-mod segwenti:

15.1. Illi skont ir-regolament 82(4) in diżamina jekk wieħed mit-tliet (3) pakketti fuq riferiti ma jkunx jissodisfa l-kriterji imposti fid-dokument tas-sejħa, l-offerta in kwistjoni ma tibqgħax tiġi pproċessata aktar, bil-konsegwenza li l-offerent involut jiġi skwalifikat, (ara foll 242);

15.2. Illi f'dan il-każ, tali offerent hekk estromess mill-proċess aġġudikattiv, ikollu l-fakulta` jikkontesta tali deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appell appożitament imwaqqaf, fi żmien erbat (4) ijiem ta' xogħol minn notifika ta' tali deċiżjoni, (ara foll 242);

15.3. Illi meta l-proċess aġġudikattiv kollu jintemm, il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jipproċedi billi jħabbar min, fil-fehma tiegħu, għandu jirbaħ il-kuntratt indikat fis-sejħa *de quo*, (ara foll 242);

15.4. Illi f'dan l-istadju kull offerent interessat jista' jappella tali deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appell in diżamina fi żmien erbatax-(14) il ġurnata kurrenti mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni *de quo*, (ara foll 242);

15.5. Illi d-deċiżjoni in appell hawn riferita tkun finali;
Ikkunsidrat:

16.0. Illi in vista tal-proċedura kif fuq deskritta jirriżulta li jeżistu żewġ (2) tipi ta' rimedji separati u distinti minn xulxin:

**A. Rimedju taħt ir-Regolament 82 (4) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, (ara paragrafu numru ħmistax punt wieħed, (16.1.), aktar 'l quddiem):**

**B. Rimedju taħt ir-Regolament 83 (1) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, (ara paragrafu numru ħmistax punt ħamsa, (16.5.), aktar 'l quddiem:**

**A. Regolament 82 (4):**

16.1. Illi dan hu rimedju riżervat għal dawk l-offerenti li jiġu skwalifikati waqt xi wieħed mit-tliet (3) stadji tal-proċess aġġudikattiv, (ara foll 242);

16.2. Illi tali offerent hekk skwalifikat jista' anke f'dan l-istadju, jappella minn tali deċiżjoni biex b'hekk ikun jista' jerġa' jintrometti ruħhu fil-proċess aġġudikattiv;

16.3. Illi konsegwentement dan il-proċess hu esklussivament riservat għal offerent li jkun ġie skwalifikat;

16.4. Illi allura ma jistax jintuża minn offerent bil-għan li jiskwalifika lil xi offerent ieħor li jkun għadda minn wieħed mill-istadji tal-offerta;

**B. Regolament 83 (1):**

16.5. Illi dan ir-rimedju jiskatta meta l-fażi aġġudikattiva tkun kompletament terminata, (ara foll 243);

16.6. Illi kull offerent li ma jkunx jaqbel mad-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt mill-Bord tal-Kuntratti jista' jintroduċi appell quddiem Bord tal-Appell appożitu, (ara foll 243);

16.7. Illi għalhekk appellant ikun jista' jeżamina l-aġġudikazzjoni tal-kuntratt *de quo* u jgħid għaliex il-kuntratt mogħti jippekka skont ir-regolamenti vigenti u għalhekk mhux mistħoqq, (ara foll 243);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi fil-każ in diżamina jirriżulta sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi r-rikorrenti ngħatat il-kuntratt *de quo* mill-Bord tal-Kuntratti b'deċiżjoni datata l-20 ta' Ġunju, 2007, (ara foll 7);

17.2. Illi wara appell inoltrat mis-soċjeta` konkorrenti *Protex Limited*, b'deċiżjoni datata s-7 ta' Marzu, 2008, il-Bord tal-Appell iddeċieda favur is-soċjeta` appellanti, (ara foll 52) *stante* li r-rikorrenti odjerna kienet naqqset li tipprovdi l-letteratura teknika fir-rigward, liema letteratura kienet rekwiżit deskritt mill-istess Bord tal-Appell bħala kondizzjoni *sine quo non*, (ara foll 52);

17.3. Illi fit-18 ta' Marzu, 2008, ir-rikorrenti talbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju fil-konfront ta' uħud mill-intimati odjerni li kien akkolt proviżorjament fl-istess data indikata u sussegwentement akkolt b'mod definittiv fil-15 t'April, 2008, (ara atti tal-mandat t'inibizzjoni Rikors Numru 409/2008 anness mall-atti tal-proċedura odjerna);

18.0. Illi fir-rigward tal-eċċezzjoni preliminari tal-intimati abbażi tal-artiklu ***181B tal-Kap 12*** fuq riferit, jingħad sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi l-artiklu in diżamina jistipula s-segwenti:

> "(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni";

18.2. Illi l-lanjanza tar-rikorrenti tindirizza il-mod kif ġiet ipproċessata s-sejħa għall-offerti in diżamina;

18.3. Illi f'dan ir-rigward, biex jintlaħaq l-għan hawn deskritt tar-rikorrenti jirriżulta paċifiku li ma kienx meħtieġ li jiġu traxxinati f'din il-proċedura d-Direttur Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani, l-"*Welfare Committee*" fi ħdan id-Dipartiment tal-Anzjani; u l-Avukat Ġenerali;

18.4. Illi effettivament għandu wkoll ikun paċifiku li l-presenza tal-intimat Direttur tal-Kuntratti hi legalment suffiċjenti għall-għanijiet indikati fil-lanjanza tar-rikorrenti;

18.5. Illi għalhekk l-istess intimati hawn indikati mhumiex il-leġittimi kontradittturi għat-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentment l-istess għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

18.6. Illi konsegwentement it-talba tal-imsemmija intimati fir-rigward għandha tiġi akkolta;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi fir-rigward tal-mertu in diżamina jingħad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi dan hu bbażat fuq il-kundizzjonijiet tat-*"tender"*, (ara foll 8 *et sequitur*), u fuq l-Avviż Legali 177 tal-2005, partikolament ir-regolament 82(4) tal-istess, u fuq ir-rikjesta għad-danni ai termini tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

19.2. Illi r-regolament 82 (4) tal-Avviż Legali fuq riferit jistipula s-segwenti:

> "Ilment li jsir mill-offerent milqut u minn kull persuna li għandha jew kellha interess li tikseb kuntratt pubbliku partikolari għandu jasal fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew għand l-awtorita` kontraenti involuta, skont ma jkun il-każ, fi żmien erbat ijiem minn meta jingħata avviż tad-deċiżjoni";

19.3. Illi jiġi sottolineat li tali regolament indikat fil-paragrafu preċedenti japplika biss għal min jiġi skwalifikat f'xi wieħed mill-istadji tal-proċess komunement magħruf bħala tal-*tliet (3) pakketti*;

19.4. Illi għandu jkun paċifiku li wara analiżi tal-fatti riżultanti għandu jiġi ribadit li r-regolament in diżamina li fuqu tistrieħ ir-rikorrenti, mhux applikabbli għall-appell interpost mis-soċjeta` *Protex Limited stante* li din is-soċjeta` tirriżulta li applikata wara li l-aġġudikazzjoni kienet ġia` terminata u kien ġia` tħabbar min kien rebaħ il-kuntratt in diżamina;

19.5. Illi għalhekk, fir-rigward tal-appell inoltrat mill-imsemmija soċjeta` *Protex Limited* kien japplika r-regolament 83(1) tal-istess Avviż Legali 177 tal-2005, Regolamenti tal-2005 dwar Kuntratti Pubbliċi, liema regolament jistipula s-segwenti:

> "Offerent li ħjoss ruħhu aggravat minn għoti ta' kuntratt li jkun propost, u kull persuna li jkollha jew li darba kellha interess li tikseb xi kuntratt ta' provvista pubblika, servizzi pubbliċi, jew xogħolijiet pubbliċi partikolari, u li jkunu sofrew ħsara jew qegħdin jirriskjaw li jsofru ħsara bi ksur allegat, jistgħu, f'żmien erbatax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni, jippreżentaw avviż ta' oġġezzjoni fid-Dipartiment tal- Kuntratti jew lill-awtorita` kontraenti involuta skont ma jkun il-każ";

Ikkunsidrat:

20. Illi in vista tal-premess għandu allura jkun paċifiku li s-soċjeta` *Protex Limited* setgħet tintavola l-ilment tagħha biss quddiem il-Bord tal-Appelli *de quo* taħt ir-regolament 83 (1) tal-Avviż Legali *de quo*;

21. Illi ilment *ai termini* tar-regolament 82(4) tal-Avviż Legali *de quo* seta' jsir biss meta jkun hemm deċiżjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li jwarrab offerta fil-fażi aġġudikattiva;

22. Illi fil-każ in diżamina ma jirriżultax li kien hemm deċiżjoni kif ipotizzat fil-paragrafu preċedenti;

23. Illi konsegwentment ma jirriżulta li kien hemm xejn irregolari dwar l-appell interpost mis-soċjeta` Protex Limited u b'hekk, l-istess appell seta' jitressaq;

Ikkunsidrat:

24. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti m'ipprovatx l-ewwel talba minnha inoltrata, (ara foll 4), *stante* li l-appell intavolat mis-soċjeta` *Protex Limited* kien intavolat a bażi tar-regolament 83 (1) tal-Avviż Legali *de quo*, (ara paragrafu numru tmintax punt ħamsa, (18.5.), aktar qabel);

25. Illi t-talbiet sussegwenti tar-rikorrenti, (ara foll 4), jirriżultaw ilkoll dipendenti fuq din l-ewwel talba tagħha, - li hi essenzjalment talba għal

> dikjarazzjoni li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell *de quo* hi nulla u mingħajr effett, u konsegwentement, ġialadarba qed tiġi respinta din l-ewwel talba tar-rikorrenti, ma tirriżultax il-ħtieġa li jiġu indirizzati t-talbiet l-oħra peress li kollha jiddependu mill-istess l-ewwel talba in diżamina;
>
> 26. Illi konsegwentement lanqas it-talbiet sussegwenti tar-rikorrenti ma għandhom jiġu akkolti";

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti:

> "Jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fit-18 ta' Ottubru 2017 u tilqa t-talbiet kollha tal-attriċi jew alternattivament tilqa l-ewwel talba attriċi u/jew l-ewwel tlett talbiet tal-attriċi u tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jiġu deċiżi t-talbiet l-oħra kollha tal-attriċi appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati".

7. Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Kuntratti, Direttur Dipartiment għall-kura tal-Anzjani u tal-Avukat Ġenerali li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:

> "Jogħġobha tirrespinġi u tiċħad l-appell imressaq minn Alexis Sciberras u b'hekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fit-18 ta' Ottubru 2017, bl-ispejjeż kontra l-istess Alexis Sciberras".

8. Rat ir-risposta tal-Welfare Committee fi ħdan id-Dipartiment tal-Anzjani li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti:

> "Jogħġobha tirrespinġi u tiċħad l-appell imressaq minn Alexis Sciberras u b'hekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fit-18 ta' Ottubru 2017, bl-ispejjeż kontra l-istess Alexis Sciberras".

9. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

11. Illi f'din il-kawża l-attriċi kienet waħda minn sitt persuni li tefgħu offerta għal *tender "for the supply of incontinence bedpads, incontinence pads (rectangular diapers) and disposable adult nappies to the Welfare Committee"* (numru CT359/2005). It-*tender* kien indikat bħala *"3 tier tender"*, fis-sens li l-offerta tkun magħmula minn tliet pakketti li jkun fihom il-*bid bond*, id-dokumentazzjoni u l-prezz rispettivament. B'din is-sistema l-pakketti jinfetħu wieħed wieħed, u t-tieni u t-tielet pakkett ta' kull offerent jinfetħu biss jekk l-offerent partikolari jkun issodisfa r-rekwiżiti tal-pakkett preċedenti. Skont ir-regolamenti ta' dak iż-żmien (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04), dak l-offerent li jiġi mwarrab wara ftuħ ta' xi pakkett jista' jappella quddiem il-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubbliċi fi żmien erbat ijiem tax-xogħol min-notifika tal-iskwalifika biex jikkontesta u jaqleb dik id-deċiżjoni – Regolament 82(4). Meta mbagħad l-aġġudikazzjoni tintemm mill-istadji kollha tagħha, il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jrid iħabbar min fil-fehma tiegħu kellu jirbaħ il-kuntratt. Kull offerent jew kandidat involut li ma jaqbilx ma' dik l-għotja jkollu d-dritt skont ir-Regolament 83(1) li jattakka dik id-deċiżjoni quddiem l-imsemmi Bord tal-

Appell fi żmien erbatax-il jum kurrenti mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni dwar l-għotja.

12. F'dan il-każ, żewġ *items* mit-*tender* ġew deċiżi li jingħataw lill-attriċi. Is-soċjeta` Protex Ltd. ma qablitx ma' din id-deċiżjoni u ressqet appell quddiem il-Bord tal-Appell aktar qabel imsemmi. Hi argumentat li l-attriċi ma kellhiex tingħata l-kuntratt taż-żewġ *items* peress illi hi kellha tiġi skwalifikata għalhiex kienet naqset milli tipproduċi l-letteratura teknika flimkien mal-offerta tagħha. Il-Bord laqa' l-appell ta' Protex Ltd. wara li osserva li l-letteratura teknika kienet rekwiżit *sine qua non* għas-siwi tal-offerta u la l-offerta tal-attriċi ma kienx fiha dan it-tagħrif allura din kellha tiġi mwarba.

13. B'dawn il-proċeduri l-attriċi qed targumenta li l-appell li s-soċjeta` Protex Ltd. ressqet quddiem il-Bord tal-Appell kellu jitqies null għaliex dan ma sarx fi żmien erbat ijiem kif jgħid ir-Regolament 82(4). L-ewwel Qorti ċaħdet dan l-argument, u qieset l-appell imressaq mis-soċjeta` Protex Ltd. bħala validu peress illi sar taħt ir-Regolament 83(1).

14. L-attriċi appellat mis-sentenza u qed tirrepeti l-istess argument. Din il-Qorti ma tistax taqbel mat-tesi tal-attriċi. Kif ġie osservat preċedentement, ir-regolamenti dwar il-kuntratti pubbliċi, kif vigenti dak iż-żmien, kienu jipprevedu żewġ tipi ta' azzjonijiet, wieħed taħt ir-

Regolament 82(4) u l-ieħor taħt ir-Regolament 83(1). L-ewwel azzjoni taħt ir-Regolament 82 tapplika meta xi ħadd jiġi skwalifikat waqt xi wieħed mit-tliet stadji tal-proċedura tat-tlitt pakketti. Ir-Regolament 83(3) jgħid li, "*Deċiżjoni li twassal għat-twarrib ta' offerta matul xi stadju tal-proċess għandha tingħata pubblikament fl-uffiċċju tal-awtorita` kontraenti jew fid-Dipartiment tal-Kuntratti skont ma jkun il-każ u l-offerent milqut għandu jiġi mgħarraf b'dik id-deċiżjoni fi żmien jumejn tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tagħha".* Imbagħad ir-Regolament 82(4) ikompli li, "*Ilment li jsir mill-offerent milqut u minn kull persuna li għandha jew kellha interess li tikseb kuntratt pubbliku partikolari għandu jasal fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew għand l-awtorita` kontraenti involuta, skond ma jkun il-każ, fi żmien erbat ijiem minn meta jingħata avviż tad-deċiżjoni u dak l-ilment għandu jkollu flimkien miegħu depożitu ta' 0.5% tal-valur stmat tal-offerta, liema depożitu għandu biss jitħallas lura jekk il-Bord tal-Appell jiddeċiedi favur l-offerent jew persuna oħra li jkollha jew li darba kellha interess f'li tikseb xi kuntratt pubbliku partikolari".*

15. Jinżel mil-liġi fuq ċitata li biex tiskatta azzjoni quddiem il-Bord tal-Appell l-ewwel jeħtieġ li jkun hemm deċiżjoni li biha tkun ġiet imwarrba offerta. Għalhekk ilment abbażi tar-Regolament 82(4) jista' jsir biss meta d-Dipartiment tal-Kuntratti jkun skwalifika jew warrab offerta ta' xi wieħed mill-offerenti. Bl-invers, ma jista' jiġi azzjonat l-ebda lment taħt dan id-dispost jekk id-Dipartiment ma joħroġx deċiżjoni ta' skwalifika. Mill-banda

l-oħra t-<u>tieni rimedju </u>stabbilit fir-Regolament 83(1), jagħti d-dritt li fl-aħħar tal-aġġudikazzjoni, min ma jkunx jaqbel ma' xi għotja ta' kuntratt, ikun jista' joġġezzjona kontra dik l-għotja quddiem il-Bord tal-Appell. Il-liġi taqra hekk: "*Offerent li jħoss ruħu aggravat <u>minn għoti ta' kuntratt li jkun propost </u>u kull persuna oħra li jkollha jew li darba kellha interess li tikseb xi kuntratt ta' provvista pubblika, servizzi pubbliċi jew xogħlijiet pubbliċi partikolari u li jkunu sofrew ħsara jew qegħdin jirriskjaw li jsofru ħsara bi ksur allegat, jistgħu, fi żmien erbatax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni, jippreżentaw avviż ta' oġġezzjoni fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew lill-awtorita` kontraenti involuta skond ma jkun il-każ….".* Dan ir-regolament ma jimponix limitazzjonijiet fuq ir-raġunijiet li jista' jagħti individwu biex jikkontesta għotja ta' kuntratt. Ifisser dan li min jilmenta quddiem il-Bord tal-Appell jista' anke jqajjem kwistjonijiet dwar il-validita` teknika tal-offerta li tkun ġiet rakkomandata. Jiġifieri fit-termini tar-Regolament 83(1) l-offerent seta' jargumenta li l-offerta magħżula biex tirbaħ il-kuntratt mhijiex konformi mal-ħtiġijiet u/jew rekwiżiti tas-sejħa u li għalhekk kellha tiġi skwalifikata.

16. Applikat dan kollu għall-każ in eżami, l-attriċi mhijiex korretta meta tgħid fl-aggravju tagħha li jekk Protex Limited riedet tikkontesta l-offerta tagħha hija kellha tagħmel appell skont ir-Regolament 82(4) wara li ngħalqet il-fażi tal-evalwazzjoni tat-tieni pakkett. Kif ingħad aktar kmieni taħt ir-Regolament 82(4) ilment jista' jsir biss meta hemm deċiżjoni ta'

twarrib ta' offerta. Fil-każ tagħna d-Direttur tal-Kuntratti qatt ma ħareġ deċiżjoni li biha skwalifika l-offerta tal-appellanta, għalhekk Protex Limited ma setgħet qatt tirrikorri għar-Regolament 82(4). Darba li ma kienx hemm skwalifika tal-offerta fi stadju bikri tal-proċess, ma setax ikun hemm appell a bażi tar-Regolament 82(4), u l-appell minn Protex Ltd. sar tajjeb a bażi tar-Regolament 83(1) wara li l-proċess kollu ngħalaq.

17. Dwar l-aggravju li l-Bord tal-Appell iddeċieda *ultra petita*, din il-Qorti ma tistax taqbel miegħu. Il-kwistjoni li ried jiddeċiedi l-Bord tal-Appell kienet jekk l-offerta tal-attriċi kinitx konformi mal-kondizzjonijiet tas-sejħa, u hu dan li ddeċieda l-Bord fil-każ in eżami. Għalkemm il-Bord tal-Appell warrab l-offerta tal-attriċi fuq raġunijiet li ma tniżżlux fl-appell ta' Protex Ltd. ma jfissirx b'daqshekk li huwa ħareġ 'il barra mit-tilwima. Il-kwistjoni marbuta man-nuqqas tal-letteratura teknika fl-offerta tal-attriċi ħarġet u ġiet trattata fis-sessjoni orali miżmuma quddiem il-Bord. Għalhekk ma kien hemm xejn ħażin li titqajjem raġuni ġdida ta' skwalifika ladarba din ħarġet waqt il-provi quddiem il-Bord tal-Appell. Kif intqal dan l-aħħar minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha ***Krypton Chemists Limited v. Dipartiment tal-Kuntratti et*** deċiża fis-27 ta' Ottubru 2017, "*Huwa minnu illi waqt is-smigħ quddiem il-Bord ta' Reviżjoni effettivament inbidlet il-kontestazzjoni, li ma baqgħetx dwar jekk il-prodott kellux double core u saret dwar jekk huwiex ta' ħsara għall-pazjent. Effettivament ġara bħallikieku tressqet eċċezzjoni ulterjuri msejsa fuq konsiderazzjonijiet ta'*

*interess pubbliku, viz. is-saħħa pubblika. Dan jista' jolqot id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż – fil-fatt il-Bord ta' Reviżjoni ordna li d-depożitu biex saret l-oġġezzjoni jintradd lil Krypton – iżda ma jwassalx għan-nullita` tad-deċiżjoni tal-bord għax, kontra dak li jingħad fir-rikors tal-appell, Krypton kellha fakolta` tirribatti x-xhieda tal-Infermiera Aquilina".*

18. Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-argument li, skont l-attriċi, il-letteratura teknika ma kienx hemm bżonnha ladarba d-dipartiment seta' jistrieħ fuq it-testijiet laboratorji, din il-Qorti wkoll ma tistax taċċettah. Id-dokumenti tas-sejħa kienu jgħidu ċar u tond li ma' kull offerta trid tiġi preżentata l-letteratura teknika, u darba dan kien rikjest ma setax jiġi imwarrab. Kif intqal mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fl-20 ta' Marzu 2013, fl-ismijiet ***Nexans France v. European Joint Undertaking for ITER and the Development of Fusion Energy (T-415/10)***, "*It must be borne in mind at the outset that where, in the context of a call for tenders, the contracting authority defines the conditions which it intends to impose on tenderers,* ***it places a limit on the exercise of its discretion and, moreover, cannot depart from the conditions which it has thus defined in regard to any of the tenderers without being in breach of the principle of equal treatment of candidates****. It is therefore by reference to the principles of self-limitation and respect for equal treatment of candidates that the Court must interpret the tender specifications*".

Dan apparti li ma saret ebda talba f'dan is-sens fir-rikors promotur.

19. Dwar l-aggravju marbut mal-fatt li l-ewwel Qorti ħalliet lil Welfare Committee tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri, din giet irtirata fl-udjenza quddiem din il-Qorti u dan, forsi, ghax fir-rikors tal-appell ma hemmx talba speċifikata għar-revoka taż-żewġ digrieti relattivi, u għalhekk ma hux proċeduralment permessibbli li jiġi trattat dan l-aggravju.

20. Ir-rikors promotur jitlob deċiżjoni fuq jekk il-Bord tal-appell dwar il-Kuntratti Pubbliċi għamilx sew li aċċetta u laqa' l-appell li Protex Ltd. ressqet quddiemu. Fir-rikors tal-appell, l-attriċi sollevat diversi materji li proprjament ma għandhomx jiġu kkonsidrati għax ma jidħlux bħala lmenti sollevati fil-bidu tal-proċeduri. Hekk per eżempju, l-allegazzjoni li, darba li rebħet it-*tender*, inħloloq xi forma ta' "kuntratt" bejnha u l-awtorita` kompetenti, mhux materja li għandha tiġi kkonsidrata peress li, kif ingħad, l-azzjoni tattaka l-proċedura użata mill-Bord aktar milli l-mertu. Li kuntratt jista' jitħassar anke wara li jiġi rakomandat *tender* jekk jirriżulta li, fil-verita`, kien hemm xi ħaġa nieqsa fl-offerta ġie stabbilit minn din il-Qorti fil-kawża "**BAC Ltd. v. Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti**", deċiża fil-15 ta' Diċembru, 2016. Dan hu hekk a bażi tal-prinċipju li m'għandhiex issir diskriminazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, liema prinċipju ma jispiċċax

mat-tmiem tal-evalwazzjoni tal-offerti, iżda jibqa' jgħodd kemm wara li ssir l-aċċettazzjoni tal-offerta u anke wara li jiġi ffirmat il-kuntratt.

21. L-attriċi ressqet aggravju marbut mal-kontumaċja tal-Bord tal-Appell dwar il-Kuntratti Pubbliċi. L-ewwel nett, jirriżulta mill-atti li hemm dubju dwar kemm saret in-notifika relattiva peress li ma saritx notifika lis-Segretarju tal-Bord, u għalkemm l-attriċi ġiet ipprovduta bl-indirizz tiegħu, ma jidhirx li saret notifika. F'kull każ, avolja l-Bord ma ressaqx risposta maħlufa u ġab lilu nnifsu fi stat ta' kontumaċja, ma jfissirx li dan issokkomba għall-kawża u għat-talbiet tal-attriċi.

22. Dwar l-ispejjeż tal-kawża, din il-Qorti ma tara xejn barra minn loku li l-attriċi tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża meta l-kawża ġiet deċiża kontra tagħha. Anke l-ispejjeż tal-kjamata fil-kawża trid tbatihom hi, ukoll meta tqis li mill-verbal tas-17 ta' Novembru, 2009 quddiem l-ewwel Qorti jirriżulta li kienet l-attriċi stess li talbet biex il-Bord tal-Appell jissejjaħ fil-kawża.

23. Fl-aħħar nett, fil-kuntest tar-rikors li ressqet l-attriċi dwar l-ammont tal-kawtela li kellha tħallas bħala garanzija għall-ispejjeż tal-appell, din il-Qorti tirrileva li għalkemm id-deċiżjoni tista' tgħid li kienet fuq punt ta' dritt, l-attriċi ressqet talba għad-danni u quddiem l-ewwel Qorti saret diskussjoni fuq id-danni. Dawn ġew kwantifikati minn kontabbli minnha

mqabbda "*in the range of €355,000*". It-taxxa tinħadem fuq il-massa litiġjuża u t-talbiet kif dedotti jiġgustifikaw, almenu *prima facie*, l-ammont li ġie likwidat bħala garanzija. Ovvjament, it-taxxa finali issa tinħadem wara l-għoti ta' din is-sentenza kif u meta ssir ġudikat, u f'dak il-mument jistgħu isiru l-aġġustamenti meħtieġa skont il-każ. Dik it-taxxa finali tista' tiġi wkoll kkontestata quddiem il-qrati skont il-liġi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attriċi Alexis Sciberras billi tiċħad l-istess u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-ewwel Qorti; l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm